**519. Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, jipproponi:**

Illi billi huwa provdut, fl-Artikolu 13 tat-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku u speċifikament bis-subartikolu (4) tal-Artikolu 13 li l-ammont massimu ta' dejn tal-Gvern ċentrali pendenti miżmum separatament fil-forma ta' ħruġ ta' strument ta' dejn huwa soġġett għal strument statutorju li jrid jiġi intavolat fil-Parlament u jiġi approvat b'riżoluzzjoni parlamentari;

Illi billi fit-30 ta' Marzu tas-sena Elfejn u Għoxrin (2020) kien ġie riżolut li ammont massimu ta' dejn tal-Gvern Ċentrali pendenti fil-forma ta' strument ta' dejn tal-Gvern mhux negozjabbli ma jkunx aktar minn €400,000,000 (Erba' Mitt Miljun Euro);

U billi sal-lum l-ammont ta' dejn pendenti tal-Gvern Ċentrali miżmum fil-forma ta' strument ta' dejn tal-Gvern mhux negozjabbli inkluż ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta laħħaq is-somma ta' ftit aktar minn €379,000,000 (Tliet Mija u Disgħa Sebgħin Miljun Euro);

Illi billi f'dan iż-żmien, settur partikolari tal-popolazzjoni jintlaqat aktar ħażin mir-rati baxxi tal-imgħax, din is-sena il-Gvern se jerġa' joħroġ ammont ieħor ta' Savings Bond li joffri rata ta' mgħax aħjar minn dik li bħalissa qegħdin joffru l-banek kummerċjali;

Illi għalhekk qed jiġi b'dan riżolut, li l-ammont massimu ta' dejn tal-Gvern Ċentrali pendenti fil-forma ta' strument ta' dejn tal-Gvern mhux negozjabbli inkluż ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta jkompli jiżdied għas-somma ta' mhux akar minn €500,000,000 (Ħames Mitt Miljun Euro).

03.05.2021